



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.7.2013
COM(2013) 515 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

**dwar l-applikazzjoni fl-2012 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess
pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

dwar l-applikazzjoni fl-2012 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

Dan ir-rapport, imfassal skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni¹, ikopri s-sena 2012 u hu bbażat fuq dejta statistika miġbura fil-qosor fl-anness.

Dawn l-istatistiki jirriflettu n-numru ta' applikazzjonijiet u mhux ta' dokumenti mitluba. Fil-prattika, l-applikazzjonijiet jistgħu jkopru dokument wieħed waħdu jew fajls sħaħ dwar xi proċedura speċifika b'eluf ta' dokumenti. L-applikazzjonijiet għal aċċess tad-dokumenti li kienu pubblikament aċċessibbli fil-mument tat-talba mhumiex inklużi.

Fit-83 % tal-każi fl-istadju inizjali d-dokumenti mitluba ġew divulgati. Fl-istadju konfermatorju, kien mogħti aċċess sħiħ jew parzjali fil-43 % tal-każi.

1. REĠISTRI U SITI FUQ L-INTERNET

1.1. Fl-2012, żdiedu 17 940 dokument ġdid mar-reġistru tad-dokumenti tal-Kummissjoni (ara t-Tabella 1 fl-Anness).

1.2. Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament 1049/2001 il-Kummissjoni għandha tipprovdi fir-rapporti annwali tagħha n-numru ta' dokumenti fil-pussess tagħha li jkunu "sensittivi" skont it-tifsira tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament² u li għalhekk ma jkunux ġew irreġistrati. Fl-2012 ir-reġistru pubbliku tal-Kummissjoni kopra d-dokumenti li jmiss: COM, SEC, C, JOIN, SWD OJ, u s-serje PV. Fl-2012 l-ebda dokument sensittiv f'dawn il-kategoriji ta' dokumenti ma nħoloq jew wasal għand il-Kummissjoni.

1.3. It-tabella ta' hawn taħt turi l-istatistika għall-2012 dwar il-konsultazzjoni tas-sit "Trasparenza u Aċċess għad-Dokumenti" fuq EUROPA.

	Numru ta' viżitaturi	Numru ta' sessjonijiet	Paġni meqjusa
Total	33 903	40 605	213 244
Medja kull xahar	2 825	3 384	17 770

¹ ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43

² "Dokumenti li ġejjin mill-istituzzjonijiet jew mill-aġenziji mwaqqfa minnhom, mill-Istati Membri, pajjiżi terzi jew Organizzazzjonijiet Internazzjonali, klassifikati bħala "TRÉS SECRET/TOP SECRET", "SECRET" jew "CONFIDENTIEL" skont ir-regoli tal-istituzzjoni rilevanti, li jħarsu l-interessi essenzjali tal-Unjoni Ewropea jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha fl-oqsma koperti mill-Artikolu 4(1)(a), partikolarment is-sigurtà pubblika, kwistjonijiet militari u tad-difiża" (l-Artikolu 9(1)).

2. KOOPERAZZJONI MAL-ISTITUZZJONIJIET L-OĦRA SOĠĠETTI GĦAR-REGOLAMENT

Matul l-2012 il-kumitat interistituzzjonali mwaqqaf skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament ma tlaqqax flivell politiku. It-tliet istituzzjonijiet (il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni) organizzaw laqgħat regolari flivell amministrattiv bil-ħsieb li jaqsmu l-esperjenza, jiżviluppaw l-aħjar prattiki u jiżguraw applikazzjoni konsistenti tar-Regolament.

3. ANALIŻI TAL-APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-AĊĊESS

- 3.1. Fl-2012 il-fluss ta' talbiet għall-aċċess fl-**istadju inizjali** naqas fin-numru ta' applikazzjonijiet (6014 l-2012 meta mqabbel mas-6447 fl-2011). In-numru ta' tweġibiet ibbażati fuq ir-Regolament 1049/2001 kien ta' 5274 fl-2012 meta mqabbel mas-6055 fl-2011.
- 3.2. Fir-rigward tal-**istadju konfermatorju**, in-numru tal-applikazzjonijiet li waslu naqas bi kważi 39 % (229 applikazzjoni ġdida konfermatorja fl-2012 kontra l-165 fl-2011). L-għadd totali ta' tweġibiet għal applikazzjonijiet konfermatorji kien jikkorrispondi mill-qrib man-numru ta' applikazzjonijiet li waslu (202 każi magħluqa fl-2012 meta mqabbla mal-162 fl-2011). Fost dawn, 160 tweġiba (79 %) kienu d-deċizzjonijiet **konfermatorji** dwar l-aċċess għad-dokumenti skont ir-Regolament 1049/2001. L-għadd tagħhom żdied fl-2012 bi 11 % meta mqabbel mal-2011 fejn inħarġu 144 deċizzjoni bħal dawn. (Ara l-Anness - it-Tabella 5)
- 3.3. Fl-2012, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni u d-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur irċieva l-ogħla numru ta' talbiet inizjali (12,10 % u 7,28 % rispettivament), segwit mill-qrib ħafna mid-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni b'6 81 % tal-applikazzjonijiet inizjali, u d-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent b'6,61 %. Ta' min wieħed jinnota li l-interess fil-ksib tad-dokumenti mid-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali (li kklassifika l-ewwel fl-2011) naqas, filwaqt li t-talba għal dokumenti u fajls miżmuma mid-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni baqgħet fuq livell għoli.
- 3.4. Id-dinja akkademika ppruvat għal darb'oħra li hija l-aktar kategorija attiva mill-applikanti, li tammonta għal 22,70 % tal-applikazzjonijiet inizjali (meta mqabbel mal-25,73 % fl-2011). Bħal fis-snin ta' qabel kienet segwita mid-ditti legali bi 13,58 % (meta mqabbel mal-11,30 % fl-2011) u s-soċjetà ċivili (NGOs, gruppi ta' interess) b'10,32 % (meta mqabbel mat-8,59 % fl-2011) tan-numru totali ta' applikazzjonijiet. Il-profil soċjoprofessjonali mhuwiex iddefinit fil-każ ta' 33,83 % tal-applikazzjonijiet. (Ara l-Anness - it-Tabella 8)
- 3.5. It-tqassim ġeografiku tal-applikazzjonijiet inizjali wkoll baqa' simili għal snin preċedenti b'żieda żgħira fir-rigward tal-proporzjon tal-applikazzjonijiet ġejjin mill-Belġju li dejjem ikun l-akbar wieħed (21,85 %). Meta mqabbel mal-2011, kien hemm tnaqqis sostanzjali fl-applikazzjonijiet mill-Italja (12,37 % fl-2011 għal 7,54 % fl-2012). Bl-eċċezzjoni tal-Ġermanja (14,04 %) u r-Renju Unit (10,17 %) l-ebda mill-Istati Membri ma qabżu l-10 % tal-applikazzjonijiet, bl-akbar numri kienu ġejjin minn Stati Membri b'popolazzjoni għolja bħal: Franza, Spanja u l-Polonja. Il-proporzjon tal-applikazzjonijiet minn Stati Membri tal-UE-10 u l-UE-2 għadu ftit 'l

isfel mill-proporzjon korrispondenti li joriġina mill-Istati Membri tal-UE-15. (Ara l-Anness - it-Tabella 9).

4. L-APPLIKAZZJONI TAL-EĊĊEZZJONIJIET GĦAD-DRITT TA' AĊĊESS

- 4.1. Fl-2012, il-proporzjon tal-applikazzjonijiet li kienu totalment rifjutati fl-ewwel istanza baqa' kważi identiku mas-sena preċedenti (16,91 % fl-2012 kontra t-12,18 % fl-2011). Fi tlieta minn kull erba' każi (74,48 % kontra t-80,20 % fl-2011) ingħata żvelar sħiħ filwaqt li żdied ftit il-perċentwali ta' dokumenti parzjalment żvelati meta mqabbel mas-snin preċedenti biex laħaq it-8,61 % (meta mqabbel mas-7,62 % fl-2011). (Ara l-Anness - it-Tabella 3)
- 4.2. L-għadd ta' każi fejn, wara applikazzjoni konfermatorja, il-Kummissjoni marret lura mill-pożizzjoni meħuda mis-servizzi tagħha billi żvelat kompletament dokumenti li qabel kienu miċħuda, żdied bi ftit (18,75 % kontra l-14,58 % fl-2011). Barra minn hekk, kien hemm żieda fil-każi fejn rifjut kien ikkonfermat għal kollox u tnaqqis sinifikanti fin-numru ta' każi fejn ingħata aċċess aktar wiesa' wara applikazzjoni konfermatorja. (Ara l-Anness - it-Tabella 6)
- 4.3. Il-perċentwali ta' każi fejn il-protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (l-Artikolu 4(3)) intużat bħala bażi għal rifjut naqas bi ftit meta mqabbel mas-sena ta' qabel (25,15 % kontra l-25,73 % fl-2011). Madankollu din tiġi fit-tieni post fil-lista tal-aktar eċċezzjonijiet użati, eżatt wara l-eċċezzjoni bil-għan li tipproteġi l-iskop tal-ispezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki (it-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2)), li ammontat għal 25,32 % tal-każi (kontra l-21,90 % fl-2011). (Ara l-Anness - it-Tabella 7)
- 4.4. Ir-rata ta' rifjut ibbażata fuq il-protezzjoni ta' interessi kummerċjali baqgħet pjuttost stabbli (16,94 % kontra s-16,83 % fl-2011). Min-naħa l-oħra, in-numru ta' każi fejn intużat il-protezzjoni ta' relazzjonijiet internazzjonali naqas b'mod sinifikattiv (3,58 % kontra t-12,02 % fl-2011). (Ara l-Anness - it-Tabella 7)
- 4.5. L-aktar raġuni invokata ta' spiss għall-konferma tar-rifjut għall-aċċess kienet, bħal fi snin preċedenti, il-protezzjoni tal-iskop tal-investigazzjonijiet (it-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2)), (45,10 % meta mqabbla mat-32,68 % fl-2011). (Ara l-Anness - it-Tabella 7)
- Il-protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, intużat fi 15,69 % tal-każi (li huwa xhieda ta' tnaqqis meta mqabbel mal-2011). It-tendenza msemmija madankollu tikkonċerna biss każi li fihom il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet kien kontinwu (6,54 % kontra 15,33 % is-sena ta' qabel). Għandu jiġi nnutat li kien hemm żieda fil-każi li jikkonċernaw għażliet għal użu intern, fejn id-deċiżjoni kienet diġà meħuda (9,15 % meta mqabbla mal-4 % fl-2011).
 - Tnaqqis għandu jiġi nnutat rigward il-protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwi (10,46 % kontra l-20,67 % fl-2011). Min-naħa l-oħra, il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ntużat spiss kważi daqs is-sena ta' qabel (11,76 % meta mqabbla mal-14,66 % fl-2011). Rigward l-eċċezzjoni bbażata fuq il-protezzjoni ta' proċedimenti tal-qorti u pariri legali, kien hemm żieda sinifikanti minn 1,33 % fl-2011 għal 7,84 % fl-2012.

5. ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW

- 5.1. Fl-2012 l-Ombudsman għalaq dawn it-18-il ilment kontra l-mod kif il-Kummissjoni trattat it-talbiet ta' aċċess għal dokumenti:

10 każi magħluqa b'rimarka kritika u/jew ulterjuri			
2293/2008/(BB)(FOR)TN	1972/2009/ANA	914/2009/(IP)(EIS)ER	2299/2010/(IP)(EIS)ER
682/2010/(TS)TN	339/2011/AN	388/2011/(PMC)(IP) (EIS)ER	1472/2011/(PMC)(PB)MM N
2466/2011/ER	173/2012/VL		
8 każi magħluqa mingħajr ma ttieħdet azzjoni oħra			
3097/2009/(JF)(IP)EIS	127/2010/VIK	849/2010/KM	1161/2010/BEH
1683/2010/(ELB) MMN	1767/2010/(IP)(EIS) ER	1459/2011/JF	414/2012/MMN

- 5.2. Matul is-sena l-Ombudsman fetaħ 20 inkjesta ġdida li fihom l-aċċess għad-dokumenti kien jew il-parti prinċipali jew dik sussidjarja tal-ilment.

6. REVIŻJONI ĠUDIZZJARJA

Bħal fis-snin preċedenti, ġiet deċiża każistika sinifikanti ġdida fl-2012³.

- 6.1. Il-Qorti tal-Ġustizzja tat tliet sentenzi importanti dwar l-appell fil-kawża *Agrofert*⁴ u *Editions Odile Jacob*⁵ kif ukoll fil-kawża *IFAW*⁶. L-ewwel żewġ sentenzi jikkonċernaw il-politika tal-kompetizzjoni filwaqt li fl-oħrajn il-Qorti tat interpretazzjoni tal-evalwazzjoni tal-oġġezzjonijiet imqajma minn Stat Membru fuq l-iżvelar ta' dokumenti li joriġinaw minnhom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ħarġet żewġ ordnijiet li jirrifjutaw l-applikazzjonijiet fil-kawżi C-208/11P (bla bażi) u C-554/11P (inammissibbli), it-tnejn li huma ppreżentati minn *Internationaler Hilfsfonds* kontra l-Kummissjoni.

- 6.2. Fir-rigward tal-Qorti Ġenerali, din qatgħet sitt sentenzi marbuta mad-dritt tal-aċċess għal dokumenti:

T-59/09 <i>il-Ġermanja vs</i>	T-529/09, <i>S. in t'Veld vs Il-</i>	T-344/08, <i>EnBW vs Il-</i>
-------------------------------	--------------------------------------	------------------------------

³ Għad-dettalji ta' kull każ imsemmi hawn taħt, ara <http://curia.europa.eu/jurisp/cgi-bin/form.pl?lang=en>
⁴ Is-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012 fil-kawża C-477/10 P, *Il-Kummissjoni v Agrofert Holding a.s.*, għadha mhix rappurtata.

⁵ Is-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012 fil-kawża C-404/10 P, *Il-Kummissjoni v Editions Odile Jacob SAS.*, għadha mhix rappurtata.

⁶ Is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2012 fil-kawża C-135/11 P - *IFAW Internationaler Tierschutz-Fonds v Il-Kummissjoni*, għadha mhix rappurtata.

<i>Il-Kummissjoni, is-sentenza tal-14.2.2012</i>	<i>Kunsill, is-sentenza tal-4.5.2012 (il-Kummissjoni intervjeniet b'appoġġ għall-pożizzjoni tal-Kunsill)</i>	<i>Kummissjoni, is-sentenza tat-22.5.2012</i>
<i>T-6/10, Sviluppo Globale vs Il-Kummissjoni, is-sentenza tat-22.5.2012</i>	<i>T-300/10, Internationaler Hilfsfonds vs Il-Kummissjoni, is-sentenza tat-22.5.2012</i>	<i>T-167/10 European Dynamics vs Il-Kummissjoni, is-sentenza tas-6.12.2012</i>

6.3. Fi tliet każi l-Qorti ordnat it-tneħħija tagħhom mir-reġistru wara l-irtirar min-naħa tal-applikant:

<i>T-362/11 Stichting Greenpeace Nederland u PAN Europe vs Il-Kummissjoni</i>	<i>T-337/09 Colegio Oficial de Farmaceuticos vs Il-Kummissjoni</i>	<i>T-333/12, Soltau vs Il-Kummissjoni</i>
---	--	---

6.4. Fit-tliet kawżi li jmiss, il-Qorti ordnat li ma kienx hemm bżonn li tingħata s-sentenza:

<i>T-330/11, Mastercard vs Il-Kummissjoni</i>	<i>T-341/11, Ecologistas en Acción vs Il-Kummissjoni</i>	<i>T-180/10, Nickel Institute vs Il-Kummissjoni</i>
---	--	---

6.5. Tliet applikazzjonijiet kienu rrifjutati b'ordni mill-Qorti Ġenerali:

<i>T-359/10, Ecologistas en Acción-CODA (bla bażi ċara)</i>	<i>T-278/11, ClientEarth vs Il-Kummissjoni (bla bażi ċara)</i>	<i>T-17/10, Steinberg vs Il-Kummissjoni (parzjalment inammissibbli,</i>
---	--	---

6.6. Tressqu 14-il-kawża ġodda kontra deċiżjonijiet tal-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

<i>T-185/12 HUK-Coburg Haftpflicht-Unterstützungs-Kasse kraftfahrender Beamter Deutschlands a.G. in Coburg c/ Il-Kummissjoni ewropea</i>	<i>T-188/12 Patrick Breyer vs Il-Kummissjoni</i>	<i>T-306/12 Spirlea vs Il-Kummissjoni</i>
--	--	---

T-333/12 <i>C. Soltau vs Il-Kummissjoni</i>	T-402/12 <i>Carl Schlyter vs Il-Kummissjoni</i>	T-418 <i>Jürgen Beninca vs Il-Kummissjoni</i> [ordni tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Frar 2013, li tiddikjara li ma hemmx bżonn li tingħata sentenza f'din il-kawża u li l-kawża titneħħa mir-reġistru]
T-419/12 <i>LVM Landwirtschaftlicher Versicherungsverein Münster aG vs Il-Kummissjoni</i>	T-420/12 <i>VHV Allgemeine Versicherung AG vs Il-Kummissjoni</i>	T-421/12 <i>Württembergische Gemeinde-Versicherung aG vs Il-Kummissjoni</i>
T-476/12 <i>Saint-Gobain Glass Deutschland GmbH vs Il-Kummissjoni</i>	T-482/12 <i>Internationaler Hilfsfonds e.V.c vs Il-Kummissjoni</i>	T-498/12 <i>Tourisme Consortium Loutraki SA Gouvernement local - Loutraki SA - Club Hôtel et Hôtel Casino Loutraki et Entreprises Touristiques AE vs Il-Kummissjoni</i>
T-420/12 <i>VHV Allgemeine Versicherung AG vs Il-Kummissjoni</i>	T-561/12 <i>Jürgen Beninca vs Il-Kummissjoni</i>	

6.7. Barra minn dan, sar appell ġdid quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra ordni/sentenza tal-Qorti Ġenerali.

C-365/12P <i>Il-Kummissjoni vs EnBW Energie Baden-</i>		
--	--	--

7. KONKLUŻJONIJIET

Wara disa' snin ta' żieda stabbli minn 500 sa kważi 6 500, in-numru ta' talbiet ta' aċċess baqa' stabbli fl-2010 u l-2011 u issa naqas għal 6 000. Il-Kummissjoni tibqa' fil-wisa' l-istituzzjoni li tiġġestixxi l-akbar numru ta' talbiet għal aċċess għad-dokumenti.

Min-naħa l-oħra, in-numru ta' applikazzjonijiet konfermatorji żdied. L-applikanti huma aktar konxji tad-drittijiet legali tagħhom biex jappellaw mid-deċiżjoni inizjali meħuda mill-Kummissjoni.

Dan kollu jissuġġerixxi li l-Kummissjoni laħqet, permezz ta' mezzi u fora varji, inkluż aċċess għad-dokumenti, qafas ta' trasparenza stabbli u magħruf tajjeb.

Permezz tal-bini fuq dak li diġà nkiseb fl-2011, it-trasparenza attiva rigward l-attività leġiżlattiva tal-Kummissjoni kompliet tissaħħaħ fl-2012. Bħala konsegwenza,

għadd sinifikanti ta' talbiet inizjali għal aċċess u kważi kull applikazzjoni konfermatorja jikkonċernaw l-attivitajiet tal-Kummissjoni fil-qasam tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE, inkluż b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-politika tal-kompetizzjoni. Meta titratta talbiet bħal dawn, il-Kummissjoni għandha tilħaq bilanċ tajjeb bejn l-iżgurar tat-trasparenza tal-attivitajiet tagħha u ż-żamma tal-abilità tagħha biex twettaq kif xieraq l-inkarigi mogħtija lilha mit-Trattati.

ANNEX

Statistiċi relatati mal-applikazzjoni ta' Regolament (KE) Nru 1049/2001

1. NUMRU TA' DOKUMENTI MDAĦĦLA FIR-REĠISTRU

	COM	SEC	C	JOIN	SWD	OJ	PV	Total
2012	1832	1429	13542	53	859	130	95	17940

IT-TALBIET INIZJALI

2. APPLIKAZZJONIJIET RIĊEVUTI U ITTRATTATI

	2010	2011	2012
Applikazzjonijiet irċevuti	6 361	6 477	6 014
Tweġibiet mogħtija ^{7 8}	7 148	7 075	6 334
Tweġibiet mogħtija abbażi tar-Regolament 1049/2001	6 127	6 055	5 274

3. RIŻULTAT

	2010		2011		2012	
	Le	%	Le	%	Le	%
Aċċess mogħti	5 034	82,16	4 856	80,20	3 928	74,48
Aċċess miċħud	764	12,47	737	12,18	892	16,91
Aċċess parzjali	329	5,37	462	7,62	454	8,61
Għadd totali	6 127	100	6 055	100	5 274	100

⁷ Jekk jogħġbok innota li talba waħda tista' tkopri diversi dokumenti u konsegwentement tista' twassal għal bosta tweġibiet differenti;

⁸ Jekk jogħġbok innota li l-kategorija "Tweġibiet mogħtija" tinkludi t-tweġibiet mogħtija 'l barra mill-ambitu tar-Regolament 1049/2001, pereżempju t-tweġibiet mogħtija skont ir-Regolament 45/2001.

4. 4. ID-DISTRIBUZZJONI TAR-RIFJUTI SKONT L-EĊĊEZZJONI APPLIKATA (%)

	2010	2011	2012
4.1.a. L-ewwel inċiż - Protezzjoni tas-sigurtà pubblika	1,94	2,40	1,34
4.1.a. It-tieni inċiż – Protezzjoni tad-difiża u l-kwistjonijiet militari	0,14	0,39	0,11
4.1.a. It-tielet inċiż – Protezzjoni ta’ relazzjonijiet internazzjonali	9,83	12,02	3,58
a. Ir-raba’ inċiż – Protezzjoni tal-politika finanzjarja, monetarja u ekonomika	2,15	1,88	1,40
4.1.b. Protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu	9,76	8,90	14,65
4.2. L-ewwel inċiż - Protezzjoni tal-interessi kummerċjali	11,84	16,83	16,94
4.2. It-tieni inċiż - Protezzjoni tal-proċedimenti fil-qrati u pariri legali	7,32	6,76	9,84
4.2. It-tielet inċiż - Protezzjoni għall-iskop ta’ spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki	26,63	21,90	25,32
4.3. Is-subparagrafu 1 - Proċess ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet, għadha ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni	16,80	17,15	20,23
4.3. Is-subparagrafu 2- Proċess ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet, deċiżjoni li diġà ttieħdet: opinjonijiet għall-użu intern bħala parti mid-deliberazzjonijiet u l-konsultazzjonijiet preliminari	9,62	8,58	4,92
4.5. Rifjut mill-Istat Membru/it-tielet awtur	3,94	3,18	1,67
Għadd totali	100	100	100

TALBIET TA' KONFERMA

5. 5 L-APPLIKAZZJONIJIET IRĊEVUTI U PPROĊESSATI

	2010	2011	2012
Applikazzjonijiet riċevuti	181	165	229
Tweġibiet għal applikazzjonijiet	152	162	202
Deċizzjonijiet dwar applikazzjonijiet konfermatorji abbażi tar-Regolament 1049/2001	122	144	160

6. IR-RIŻULTAT

	2010		2011		2012	
	Le	%	Le	%	Le	%
Konferma	61	50	61	42,36	91	56,88
Reviżjoni parzjali	42	34,43	62	43,05	39	24,38
Reviżjoni sħiħa	19	15,57	21	14,58	30	18,75
Għadd totali	122	100	144	100	160	100

7. ID-DISTRIBUZZJONI TAR-RIFJUTI SKONT L-EĊĊEZZJONI APPLIKATA (%)

	2010	2011	2012
4.1.a. L-ewwel inċiż - Protezzjoni tas-sigurtà pubblika	2,67	1,33	1,31
4.1.a. It-tieni inċiż - Protezzjoni tad-difiża u l-kwistjonijiet militari	0	2,00	0,65
4.1.a. It-tielet inċiż – Protezzjoni ta' relazzjonijiet internazzjonali	6,67	4,67	7,19
4.1.a. Ir-raba' inċiż – Protezzjoni tal-politika finanzjarja, monetarja u ekonomika	3,33	3,34	0
4.1.b. Protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu	9,33	20,67	10,46
4.2. L-ewwel inċiż - Protezzjoni tal-interessi kummerċjali	16,67	14,66	11,76
4.2. It-tieni inċiż - Protezzjoni tal-proċedimenti fil-qrati u pariri legali	10	1,33	7,84
4.2. It-tielet inċiż - Protezzjoni għall-iskop ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki	32	32,68	45,10
4.3. Is-subparagrafu 1 - Proċess ta' teħid ta' deċizzjonijiet, għadha ma ttiēdet l-ebda deċiżjoni	11,33	15,33	6,54
4.3. Is-subparagrafu 2- Proċess ta' teħid ta' deċizzjonijiet, deċiżjoni li diġà ttiēdet: opinjonijiet għall-użu intern bħala parti mid-deliberazzjonijiet u l-konsultazzjonijiet preliminari	8	4,00	9,15
4.5. Rifjut tal-Istat Membru	-	-	-
Għadd totali	100	100	100

DISTRIBUZZJONI TAT-TALBIET INIZJALI

8. SKONT IL-PROFIL SOĊJALI U PROFESSIONALI TAL-APPLIKANTI (%)

	2010	2011	2012
Akkademiċi	23,24	25,73	22,70
l-Avukati	10,69	11,30	13,58
Is-soċjetà ċivili (gruppi ta' interess, industrija, NGOs eċċ.)	8,18	8,59	10,32
Awtoritajiet pubbliċi (minbarra l-istituzzjonijiet tal-UE)	13,56	8,20	7,12
Istituzzjonijiet oħra tal-UE	8,32	8,15	7,64
Ġurnalisti	3,35	3,25	4,81
Mhux speċifikati	32,68	34,78	33,83
Għadd totali	100	100	100

9. SKONT L-ORIĠINI ĠEOGRAFIKA (%)

	2010	2011	2012
L-Awstrija	2,08	1,38	1,78
Il-Belġju	17,95	21,42	21,85
Il-Bulgarija	0,69	0,93	0,70
Ċipru	0,20	0,25	0,08
Ir-Repubblika Ċeka	4,23	0,93	2,01
Id-Danimarka	2,02	2,11	1,58
L-Estonja	0,09	0,19	0,17
Il-Finlandja	0,81	1,57	0,55
Franza	9,05	8,90	7,53
Il-Ġermanja	16,62	12,27	14,04
Il-Ġreċja	1,22	1,10	1,73
L-Ungerija	0,89	0,96	0,63
L-Irlanda	1,49	1,02	1,50
L-Italja	8,85	12,37	7,54
Il-Latvja	0,13	0,15	0,17
Il-Litwanja	0,31	0,42	0,30
Il-Lussemburgu	1,99	2,12	1,79

Malta	0,22	0,12	0,17
Il-Pajjiżi l-Baxxi	4,43	4,18	4,62
Il-Polonja	2,76	2,68	2,79
Il-Portugall	1,16	1,15	1,11
Ir-Rumanija	1,11	0,87	0,91
Is-Slovakkja	0,56	0,56	0,81
Is-Slovenja	0,52	0,31	0,22
Spanja	6,86	7,16	5,70
L-Isvezja	2,18	1,81	2,16
Ir-Renju Unit	7,24	8,59	10,17
Pajjiżi Ewropej li mhumiex fl-UE	0,50	0,40	0,37
L-Amerika ta' Fuq	0,11	0,23	0,88
L-Awstralja u New Zealand	0,09	0,03	0,03
L-Afrika	0,05	0,02	0
L-Amerika t'Isfel	0,05	0,02	0,03
L-Ażja	0,04	0,06	0,05
Mhux speċifikati	3,49	3,73	6,03
Għadd totali	100	100	100

10. SKONT IL-QASAM TA' INTERESS (%)

Direttorat Ġenerali/Servizz	2010	2011	2012
AGRI - Agrikoltura u Żvilupp Rurali	3,15	2,62	3,44
BEPA - Uffiċċju tal-Konsulenti tal-Politika Ewropea	0,03	0,11	0
BUDG - Baġit	1,24	1,02	0,81
CLIMA – Azzjoni Klimatika	1,21	2,22	2,86
COMM - Servizz Komunikazzjoni	0,74	1,26	0,65
COMP - Kompetizzjoni	9,07	6,99	6,81
CONNECT - Netwerks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija ⁹	1,79	1,98	1,74
DEVCO - Żvilupp u Kooperazzjoni-EuropeAid (li kienu DEV + AIDCO)	2,77	3,30	4,67
DGT - Traduzzjoni	0,36	0,14	0,20
DIGIT – Informatika	0,09	0,09	0,12
EAC - Edukazzjoni u Kultura	1,13	1,05	1,13

⁹ Jekk jogħġbok innota li qabel kien id-DĠ INFSO;

ECFIN - Affarijiet Ekonomiċi u Finanzzarji	2,32	1,57	1,11
ECHO – Għajnuna Umanitarja u Protezzjoni Ċivili	0,28	0,33	0,18
ELARG - Tkabbir	1,47	1,04	0,95
EMPL - Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni	2,74	1,64	3,47
ENER - Enerġija	2,91	5,86	5,15
ENTR - Impriża u Industrija	4,48	4,84	4,55
ENV - Ambjent ¹⁰	4,86	6,37	6,61
EPSO - Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal	0,14	0,23	0,23
ESTAT - Eurostat	0,31	0,20	0,20
FPIS - Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija ¹¹	-	-	0,13
HOME - Affarijiet Interni	1,63	4,74	3,14
HR - Riżorsi Umani u Sigurtà+ OIB (l-Uffiċċji għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell) + OIL (l-Uffiċċji għall-Infrastruttura u l-Loġistika fil-Lussemburgu) + PMO (Uffiċċju għall-Amministrazzjoni u Ħlas ta' Drittijiet Individwali)	2,29	2,34	2,98
IAS - Servizz ta' Verifika Interna	0,09	0,05	0,02
JUST - Ġustizzja (li qabel kien JLS) ¹²	6,75	2,54	3,72
MARE - Affarijiet Marittimi u Sajd	0,66	0,95	0,66
MARKT – Suq intern u servizzi	6,14	5,72	5,02
MOVE – Mobilità u Trasport	3,13	3,02	2,66
OLAF - Uffiċċju Ewropew għall-Ġlieda kontra l-Frodi	0,27	0,25	0,48
OP - Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet	0,19	0,37	0,12
REGIO - Politika Reġjonali	3,06	2,29	3,41
RTD - Riċerka u Innovazzjoni + JRC - Ċentru Konġunt tar-Riċerka	1,82	1,27	1,61
SANCO - Saħħa u Konsumaturi	5,44	6,96	7,28
SCIC - Servizz Komuni tal-Interpretazzjoni	0,08	0,00	0,02
SG - Segretarjat Ġenerali	11,64	10,12	12,10
SJ - Servizz Legali	2,68	2,76	4,37
TAXUD - Tassazzjoni u Unjoni Doganali	5,30	7,80	4,92
TRADE - Kummerċ	3,06	3,47	2,48
Għadd totali	100	100	100

¹⁰ Jekk jogħġbok innota li fl-2010 d-DĠ ENV inqasam fid-DĠ ENV u d-DĠ Clima;

¹¹ Jekk jogħġbok innota li mill-ħolqien tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), id-dokumenti tal-FPIS huma l-uniċi li fadal fiil-Kummissjoni;

¹² Jekk jogħġbok innota li fl-2010 d-DĠ JLS inqasam fid-DĠ JUST u d-DĠ HOME;